30 ta' Jannar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Concetta Brooks *versus* Emmanuele Sarè

## Arrest Personali

*Biex ikunu jistgħu jiġu fissati l-mod u ż-żmien tal-pagament ta' dejn għall-finijiet tal-arrest personali tad-debitur, hemm bżonn li l-proventi jew renditi tiegħu jkunu ċerti u determinati, u li minn dawn il-proventi jibqgħalu avanz jew sopravvanz wara li jiġu mnaqqsa dawk l-ispejjeż li jkunu ndispensabbli għall-alimenti tiegħu u dawk tal-familja tiegħu.*

*L-eżami taċ-ċirkustanza jekk id-debitur għandux jew le mezzi sabiex jestingwi d-dejn tiegħu ma għandux jiġi studjat u ndagat fil-kawża li hija ntiża biex tkun ottenuta l-fissazzjoni tal-mod u ż-żmien ħalli jkun eżegwit il-pagament, iżda dak l-eżami jirrendi ruħu neċessarju aktar tard, fil-kawża l-oħra li jkollha bħala oġġett l-ispedizzjoni tal-mandat tal-arrest personali.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attriċi, wara li tippremetti illi in forza ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti f'kawża fl-ismijiet premessi fit-12 ta' Ġunju 1956 il-konvenut ġie kundannat li jħallasha s-somma ta' £200.15.5¾, oltre l-ispejjeż tal-kawża; u illi l-konvenut sal-lum ma ħallas xejn, u hija, għall-finijiet tal-eventwali applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirrigwardaw il-ħruġ ta' mandat tal-arrest tal-persuna, trid titlob lill-Qorti tiffissa l-mod u ż-żmien kif għandu jitħallas mill-konvenut id-debitu fuq riferit; titlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, minn din il-Qorti jiġi fissat il-mod u ż-żmien kif għandu jitħallas il-kreditu tagħha fuq riferit ta' £200.15.5¾, kanonizzat in forza tas-sentenza fuq riferita tat-12 ta' Ġunju 1956 fil-kawża fl-ismijiet "Concetta Brooks vs. Emmanuele Sarè", oltre l-ispejjeż ta' dik il-kawża. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-konvenut ma jikkontestax il-kreditu kif reklamat mill-attriċi, imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

Illi jinsab stabbilit li, biex ikunu jistgħu jiġu fissati l-mod u ż-żmien tal-pagament ta' dejn għall-finijiet tal-arrest personali tad-debitur, hemm bżonn li l-proventi jew renditi tiegħu jkunu ċerti u determinati, u li minn dawn il-proventi jibqgħalu avanz jew sopravvanz wara li jiġu mnaqqsa dawk tal-familja tiegħu *(Vol. VI, 696). Fil-każ taħt konsiderazzjoni,* il-konvenut għandu salarju ċert u determinat, dak ta' £3.11.0 fil-ġimgħa; u hu ġuvni;

Illi l-konvenut jissottometti li ma għandux mezzi mnejn iħallas id-dejn tiegħu lill-attriċi, imsemmi fiċ-ċitazzjoni, lanqas b'rati; għaliex, minbarra għalieħ, huwa jrid jaħseb għall-manteniment ta' oħtu, li qegħedha tgħix miegħu, li hi marida, u, kif ipprova, tirrikjedi dieta speċjali. Però, apparti ċirkustanzi oħra, fosthom dik li oħt il-konvenut ma tistax proprjament titqies bħala li tifforma parti mill-familja tiegħu, ladarba, kif ingħad, huwa hu ġuvni, u għal-hekk ma għandux familja, u hemm ukoll ħutu oħra, jinsab stabbilit li l-eżami taċ-ċirkustanza jekk id-debitur għandux jew le mezzi sabiex jestingwi d-dejn tiegħu ma għandux jiġi studjat u ndagat fil-kawża, bħall-preżenti, li hija ntiża biex tkun ottenuta l-fissazzjoni tal-mod u ż-żmien ħalli jkun eżegwit il-pagament, iżda dak l-eżami jirrendi ruħu neċessarju aktar tard, fil-kawża l-oħra li jkollha bħala oġġett l-ispedizzjoni tal-arrest personali *(Vol. XV, 207);*

Illi, b'konsiderazzjoni tas-salarju li attwalment il-konvenut qiegħed jirċievi, u ta' l-ispejjeż li neċessarjament huwa jkollu jagħmel għall-alimenti tiegħu, jidher li l-istess konvenut jista' jestingwi d-dejn tiegħu fuq imsemmi b'rati mensili ta' £3 l-waħda;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi adeżivament għat-talba tal-attriċi, billi tikkundanna lill-konvenut sabiex, għall-finijiet kontemplati fiċ-ċitazzjoni, jestingwi d-dejn tiegħu hemm indikat b'rati ta' tliet liri (£3) fix-xahar, b'bidu mill-15 ta' Frar 1957. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.